KUNSILL LOKALI — KALKARA — LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 10/2021**

13 ta' Ottubru 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**10.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**10.1.1** Ma kienx hemm

**10.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**10.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 9 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

**10.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-minuti ġew approvati unanimament

**10.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**10.3.A** Is-Sur Sindku spjega illi wara li din il-materja ġiet spjegata f'seduti preċedenti d-dipartiment tal-kunsilli kkonferma u approva li jinħareġ tender għal dan l-e van anke wara l-fatt illi l-mira tal-kunsill li jagħmel arranġamenti mal-kuntrattur tal-iskart fil-preżent li huwa l-ikbar kreditur tal-kunsill finanzjarjament. Dan il-ftehim ma ntlaħaqx il-għaliex il-kuntrattur ma riedx jikkommeti ruħu għal dak li l-kunsill ipproponilu li jitħallas fix-xahar. Il-kunsill kiteb formalment lid-dipartiment b'din id-deċiżjoni u saħansitra sħaqna illi bħala kunsill aħna xorta ħa nmexxu bil-pjan finanzjarju aħjar avolja l-kuntrattur ma aċettax. B'hekk id-dipartiment qabel magħna u tagħna l-'go ahead' li jinħareġ finalment it-tender fuq nota oħra tajjeb li wieħed ikun infurmat illi fil-preżent hawn nuqqas ta' dawn il-vannijiet minn naħa ta' ditti f'Malta u qiegħedin fi proċess ta' riċerka biex jinħareġ tender bl-aħjar mod possibli mingħajr ħafna interferenzi. Qed jinġabru diġa' specs mingħand ditti differenti biex wieħed jevalwa dak li hu l-aħjar u li għandu bżonn il-kunsill qabel ma jinħareġ it-tender formalment. Fiż-żmien li ġej ser inkunu qed naħdmu fuq dan it-tender biex jinħareġ mill-aktar fiss possibli biex il-kunsill jinvesti f'dan l-evan li l-maġġoranza tiegħu ser jitħallsu mill-fondi li intrebħu mill-fondi LESA hekk kif diġa' l-kunsill kien infurmat.

Is-Sur Chris Bruno ssuġġerixxa illi la darba jiġi l-van fi ħdan il-kunsill wieħed jagħmel pjan biex min ikun qed isuqu jkolli idea anke ħabba ċitazzjonijiet li jistgħu jaqilgħu waqt li qed iwasslu resident għal servizzi fil-lokal hekk kif ġralu hu meta prova jagħmel pjaċir il-anzjana billi wassalha x-xatt u sa ma sab parking qala ċitazzjoni intortament personali.

B Is-Sur Sindku informa l-kunsill illi x-xogħol ta' manutenzjoni tar-railing / konolli fi Triq il-Kapuċċini eżattament mal-ġenb tal-knisja miexi ġmielu minn naħa tal-ħaddiema tal-garaxx tal-gvern, fejn fiż-żmien li għadda kien is-Sindku illi kellem lin-nies ikkonċernati biex dan ix-xogħol iseħħ mingħajr ma' l-kunsill joħroġ flus la għax-xogħol manwali kif ukoll lanqas għal materjal. Id-dipartiment ikkonċernat aċċetta dan ix-xogħol u fil-preżent għaddej fiż-żona ta' Triq il-Kapuċċini illi hekk kif wieħed jista' jara wasal ukoll fi tmiemu. Is-Sindku rringrazzja formalment din l-entita' u lil dawn il-ħaddiema.

Is-Sindku żied jgħid illi fl-istess żona għaddej ġmielu minn IM fi triq ta' wara l-knisja.Kemm is-Sinjura Speranza Chircop u kemm is-Sur Vince Bongailas qalu illi qed ikun hemm ħafna lmenti fuq l-istorbju tal-makkinarju li qed jibqa' għaddej mis-2pm sa 4pm. Is-Sindku qal illi bħala kunsilliera għandhom dritt iċemplu lill-awtorita' BRO jew BCA fuq kwistjonijiet bħal dawn il-għaliex ilmenti bħal dawn ma jaqawx taħt il-kunsill u n-nies għandhom fehma ħażina fuq ċerti affarijiet. Is-Sindku żied jgħid illi dawk in-nies li kitbu fuq pagna partikulari fuq facebook ma kien ser isolvi xejn seta' qabad u ċempel u rraporta dan il-każ huwa stess. Is-Sindku qal illi l-kunsill għadu qed jistenna pjanti formali ta' din it-triq il-għaliex meta titlesta l-kunsill irid jieħu ħsieb jagħtiha isem. Is-Sindku qal ukoll illi fil-preżent hemm naqra anomaliji minn awtoritajiet u individwi differenti fuq l-ownership ta' din it-triq. Huwa żied jgħid illi mhux fl-interess tal-kunsill it-triq taħt min fil-verita' taqa' imma fl-interess tal-kunsill il-manutenzjoni tagħha la darba titlesta.

C Dan il-punt ser jiġi diskuss aktar tard waqt din is-seduta waqt punt ieħor imniżżel fuq l-istess agenda.

D Is-Sur Sindku ta rendikont tas-sitwazzjoni fil-preżent visavi x-xogħolijiet li bdew rigward ir-riġenerazzjoni tax-Xatt fejn wieħed jista' jara illi ż-żona dik li qabel kellha l-bandli fiha ġiet imdawra b'safety hoarding fejn beda tkissir kif ukoll tpoġġew inġenji on site. Wieħed jista' jara wkoll ħaddiema on site, no parking signs kif ukoll ser jibda x-xogħol biex jiġu żarmati l-konki tas-siġar tal-palm u fil-ġranet li ġejjin ser jibda' s-shifting tal-istess siġar fil-lokal stess, dan wara li s-Sindku għamel enfażi illi s-siġar kollha jinstabulhom post kollha fil-lokal. Is-Sindku qal illi jrid il-kunsill jaħdem miegħu u mas-Seg Eżek f'dawk li jidħlu lmenti tar-residenti. Bħalissa s-sitwazzjoni hija waħda kritika fejn ċerti affarijiet ikun hemm bżonn tittieħed deċiżjoni minn issa għal issa. Tajjeb li wieħed jfihem in-nies illi dan huwa żmien ta' tranżizzjoni. Is-Sindku qal illi ġejjin ġranet fil-qarib b'ħafna problemi magħha li hija nuqqas ta' parkeġġ li ser ikun hemm fiż-żona. Is-Sindku qal illi flimkien mas-Seg Eżek qed jgħamel mill-aħjar biex ix-Xatt jinqala' f'fażijiet pero' hemm ċirkostanzi li diġa' nafu bihom li ċertu żoni ma jistgħux jinqalgħu separatament il-għaliex il-konnessjonijiet taħt l-art peress li huma antiki huma kollha amalgamati ma' xulxin.

Is-Sinjura Sultana qalet illi hemm bżonn illi jiġi provdut dawl temporanju fiż-żona minħabba periklu fiż-żona.

E Is-Sindku nforma l-kunsill illi x-xogħol fuq ġnien ir-Rnella beda ġmielu mill-Ministru kkonċernat. Wieħed ukoll seta' jara artikli fuq il-midja soċjali. Ser tkun qed tintbgħat applikazzjoni formali biex l-isem ta' dan il-ġnien jiġi formalment ippublikat u jingħatalu l-isem u jiġi kkonfermat mid-dipartiment ikkonċernat fuq it-tismija tat-toroq.

F 1 Suġġerimenti minn għaqdiet fil-lokal fuq tismija tat-toroq ġodda fil-Kalkara. Is-Sindku qal illi dawn is-suġġerimenti ħa jieħdu fil-kunsiderazzjoni tagħna għat-tieni fażi ta' dan il-proċess. Il-kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb illi jiddiskuti dawn is-suġġerimenti mal-awtorita' tat-tismija tat-toroq. Is-Sindku qal illi huwa fil-proċess li joħroġ konsultazzjoni pubblika fuq Triq San Ġużepp.

- Suġġeriment 1 mirċievi l-kunsill u mibgħut mis-Segretarju tal-każin Malta rebbieħa biex tissemma Triq George Micallef.

- Suġġeriment 2 mircievi mill-kunsill mis-Sur Joseph Mintoff u l-familja biex tissemma Triq Loretu Mintoff

- Suġġerimenti varji mirċieva mill-kunsill mill-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara

- Suġġerimenti oħra mill-kunsill stess wara diskussjoni fuq l-istess materja fosthom jiġi kkonfermat Ġnien Rnella.

F2 L-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara talbet l-għajnuna tal-kunsill biex jinfetaħ il-bokka tas-shelter li hemm fil-preżent fit-taraġ San Ġużepp fejn dan ilu magħluq minn dejjem u huma xtaqu jġibu fondi biex dan jiġi rrestawrat u jiġi mgawdi mir-residenti fil-lokal u anki turisti. Huma talbu l-għajnuna billi l-ħaddiema tal-kunsill ikissru kisi li għadu kemm sar ma' xi xogħolijiet fiż-żona biex b'hekk xi ħadd minn naħa tal-assoċjazzjoni stess ikun jista' jidħol u jara x'tip ta' xogħol hemm bżonn bħala restawr qabel japplikaw għal fondi partikolari. Il-kunsill qabel formalment ma' din ir-rikjesta u l-assoċjazzjoni ser ikollna l-appoġġ assolut tal-kunsill biex jiġi rrestawrat dan is-shelter.

F3 Is-Seg Eżek infurmat il-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin ser tkun qed tħejji rapport separati dwar il-ħaddiema li għandna fi ħdan il-kunsill magħna fil-preżent taħt l-iskema biex finalment jagħtijom performance abbażi tax-xogħol li jagħmlu matul is-sena bħal ma jiġri kull sena.

G Ma kienx hemm

**10.4 1(9.3 C)** Is-Sindku nforma l-kunsill illi kif diġa' ġie diskuss f'seduti preċedenti anke ġie accenat l-istess suġġett f'din l-istess seduta, it-tender document ġie ffinalizzat minn naħa tal-board maħtur mill-istess kunsill biex ikun jista' jiġi ppubblikat aktar tard din il-ġimgħa stess minħabba l-problema serja li l-kunsill jinsab fiha minħabba l-fatt illi l-istess kuntrattur ser iżarma minn dan il-business imminentament. Is-Sindku żied jgħid illi ġew ikkunsidrati rekwiżiti mill-kuntratt tal-passat li għadhom jagħmlu sens għal kuntratt li ser jiġi mogħti la darba jiġi 'awarded' kif ukoll xi suġġerimenti li kunsilliera kellhom. Dan it-tender ser jiġi ppublikat din il-ġimgħa , il-board maħtur infurmat biex b'hekk meta tingħalaq il-'closing date' tas-submissions jinħadem kemm jista' jkun malajr minħabba s-sitwazzjoni bikrija li l-kunsill qiegħed fiha visavi illi l-kuntrattur preżenti ser iżarma. Fil-laqgħa li jmiss ta' Novembru li ser tkun skedata skond il-laqgħa tal-board għat-tenders maħtur mill-istess kunsill biex jiġi diskussa d-deċiżjoni u tiġi kkonfermata jew oġġezzjonata mill-kunsill qabel tintbgħat l-ittra formali lill-kuntrattur idonju. Tajjeb li wieħed ikun infurmat illi minħabba l-urġenza ta' din il-kwistjoni t-tender ser jinħareġ għal għoxrin ġurnata fuq is-sistema epps biex b'hekk wieħed dejjem jissetilja din il-kwistjoni malajr kemm jista' jkun fejn ikun possibbli u japplika xi ħadd skond il-liġi u idonji. Il-kunsill qabel unanimament ma' dan id-draft biex b'hekk ikun jista' jinħareġ mill-aktar fiss possibbli.

**10.4 2 ( 9.3F)** Is-Sindku informa l-kunsill illi fil-preżent fil-lokal qed isir xogħol fi Triq il-Kapuċċini kif ukoll fi Triq il-ġenista għal 'charging pillars' ġodda fl-istess żoni. Tajjeb li wieħed ikun jaf illi l-kunsill issuġġerixxa 5 postijiet partikolari fil-lokal fejn 2 mis-suġġerimenti ġew milqugħa u dalwaqt jiġu inawgurati biex jiġu wżati mir-resident fl-istess lokal.

**10.4 3 (9.4 3)** Is-Sindku informa l-kunsil illi l-latrina tax-Xatt tinsab magħluqa hekk kif diġa' l-kunsill jaf. Tajjeb li wieħed ikun jaf illi sar arranġamenti mal-kuntrattur li qed jaħdem fuq ir-riġenerazzjoni tax-Xatt biex jagħmel użu minnha pero' jiġu refunded l-ispejjeż ta' dawl u ilma li jinħela mill-ħaddiema tiegħu. Dan ġie kkonfermat bil-miktub u ġew mgħoddija ċ-ċwievet tal-letrina lill-istess kuntrattur b'arranġamenti li ser jagħti rifużjoni tal-kontijiet kollha abbinati mal-istess letrina.

**10.4 A Punti Ġenerali mill-minuti Preċedenti ;**

**Ma kienx hemm**

10.5i Dan il-punt ser jiġi diskussa waqt il-ħin allokat għas-Sur Bongailas aktar tard waqt din is-seduta.

2 Is-Sur Bongailas qal illi xi residenti fil-lokal qed isaqsu jekk tistax issir xi ħaġa temporanja minflok il-latrina li ġiet magħluqa fl-akkwata. Is-Sindku qal illi fil-present m'hemmx lwok fejn wieħed jista' jagħmel xi ħaġa alternattiva sfortunatament ħabba raġunijiet varji. Is-Sur Bongailas staqsa jekk nistawx bħala

kunsill fuq in-no parking signs li qed jitweħħlu fiż-żona tax-Xatt jiġu kemm jista' jkun marbutin b'ħin biex bniedem ikun jista' jipparkja speċjalment bil-lejl. Is-Sindku qal illi din hija kwistjoni li ma tistax tiġi kkontrollata minħabba l-fatt illi minn issa għalissa x-xogħol qed isir b'rata mgħaġġla ħafna. Is-Sur Bongailas qal illi wieħed jinsab verament ikkonċernat fuq in-nuqqas ta' parkeġġ fiż-żona għal dawn ix-xhur li ġejjin.

10.5 ii Maria Sultana : 1 possibilment jekk jistax isir xi ħaġa fl-okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara 2021 jirnexxilna joħorgu t-tfal tal-iskola attivita' għat-tfal barra l-kunsill la darba s-sitwazzjoni visavi l-Covid 19 tiġi rregolata sa dak iż-żmien. Fl-10 ta' Diċembru li jaħbat il-Ġimgħa ssir l-attivita' bil-qalb kollha u bi pjaċir żied jgħid is-Sindku. Is-Sinjura Sultana ġiet mitluba żżomm komunikazzjoni miegħu biex b'hekk wieħed ikun jista' jaħseb u jorganizza attivita'.

10.5 iii Speranza Chircop : 1 problema ta' ħamiem fil-lokal, speċjalment fix-Xatt u fi Triq il-Kapuċċini. Qiegħed jiġi ssuġġerit illi wieħed jistaqsi lill-assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn hi taf illi kienu ħadmu fuq sterelizazzjoni fuq il-ħamiem. Wieħed ser ikun qed jiċċekja fuq din il-kwistjoni.

2 Suġġeriment biex Triq il-Barklor tiġi 'one way'. Is-Sinkdu qal illi din diġa' ġiet approvata minn naħa tat-Transport Malta pero' hemm xi żbalji fil-pjanti li rċevejna bħala kunsill. Fil-granet li ġejjin is-Sindku ser ikun qiegħed jirranġa l-iżbalji li hemm biex b'hekk tiġi emendata l-pjanta qabel ma sseħħ fir-realta'. Is-Sindku żied jgħid illi dan kollu ma sarx ħabba l-fatt illi kien hemm xi xogħolijiet għadejjin Triq is-Sienja u kien ser ikun inkonvenjent għar-resident stess biex ikunu jistgħu jidħlu fiż-żona. Is-Sindku saħaq illi ser ikun qed jaħdem fuq din il-biċċa tax-xogħol fil-ġranet li ġejjin.

10.5 iv Christopher Bruno : 1 jitneħħew is-siġar tax-Xatt ta' quddiem il-każin tal-Malta minħabba l-ħmieġ li qed iħallu ta' kuljum fiż-żona dan wara ħafna lmenti li huwa stess jirċievi ta' kuljum. Is-Sindku qal illi dan is-suġġeriment huwa wieħed 'too late' minħabba li l-proġett tax-Xatt huwa approvat diġa' u hemm il-pjanti approvati so din ir-rikjesta ma tistax tiġi aċċetata.

2 Dan il-punt ser jiġi diskuss fil-ħin allokat għas-Sur Chris Bruno

10.5a Ħin allokat għas -Sur Vincent Bongailas – Viċi Sindku

1 Ilmenti dwar terrapien li qed jiġi mormi fil-baħar minn kostruzzjoni li qed isir fil-preżent ġewwa Smart City. Is-Sindku qal illi dak l-ilment ġie indirizzat u ġie ikkonfermat illi dak kollhu li qed isir fiż-żona huwa approvat mill-planning authority. Żied jgħid illi kien hemm ukoll intervent mill-MP Oliver Scicluna fuq l-istess kwistjoni.

Il-Viċi Sindku talab li jiġu ċċekjati l-affarijiet mill-awtoritajiet ikkonċernati biex ikun hemm verifikazzjonijiet fuq l-affarijiet imsemmijin hawn fuq.

2 Ringrazzjament formali lil kull min kien involut biex din l-attivita' ġiet imtella'. Is-Sur Bongailas saħaq illi kienet waħda ta' sodisfazzjon kbir.
Is-Sindku qal illi jinsab kuntent ħafna bil-mod ta' kif ġiet organizzata din l-attivita' imma talab għal affini ta' awditjar u trasparenza jinġieb rendikont ta' kemm ġiet tiswa jew ma ġietx tiswa l-istess attivita'. Kull ħaġa li ssir f'isem il-kunsill hija awditjata għalhekk tajjeb li wieħed ikollu l-affarijiet ċari għal referenza futura.

3 Is-Sur Bongailas għarraf il-kunsill b'kollaborazzjoni bejn is-Sur Bongailas u s-Sinjura Sultana sezzjonijiet ta' fitness għat-tfal, ġenituri u għalliema ta' fitness. Dawn is-sezzjonijiet ser ikunu fis-sala tal-iskola possibilment. Aktar informazzjoni ser tingħata f'seduta li ġejja biex b'hekk ikunu kkonfermati dati, ġranet, ħinijiet u dak kollu li hemm bżonn qabel ma' wieħed joħroġ l-avviż tal-istess sezzjonijiet fuq il-midja soċjali.

10.5b Ħin allokat għas-Sinjura Maria Sultana – Kunsilliera

1 Irringrazzjat formalment lir-Reġjun Xlokk ta' lgħotja tal-maskri li ta lit-tfal tal-iskola li ġew imqassma illum stess lit-tfal kollha wara li s-Sindku preżentahom formalment lill-madam u lill-management tal-istess skola.

2 Ser jibdew fit-30 ta' Ottubru u ser jibdew isiru 'reading sessions' kull l-aħħar Sibt tax-xahar. Għal din is-sezzjoni ser tkun ibbażata fuq tema ta' Halloween. Is-Sindku talab l-informazzjoni kollha lis-Sinjura Sultana biex jittella' poster ta' informazzjoni fuq il-midja soċjali tal-kunsill.

10.5c Ħin allokat għas-Sinjura Speranza Chircop – Kunsilliera

1 Ħarġa kulturali kienet ta' suċċess u ġiet preżentat rapport fuq kif tqassmet il-ġurnata prezzijiet u dak kollu li kellu x'jaqsam ma' din il-ħarġa.

2 Ħarġa kulturali Marsaxlokk f'Ottubru la darba t-temp jippermetti kif ukoll ħarġiet għal Novembru għal anzjani u rġiel.

3 Kors tal-bizzila ġie pospost minħabba li l-għalliema mhux available għall-ewwel sezzjoni.

4 Qed tiġi kkordinati meetings mad-direttorat taċ-ċiniżi f'Malta biex bħal ma qabel fi snin preċedenti jiġu organizzati korsijiet ta' crafts shows minn naħa tagħhom u

dak kollu li hu possibli għar-residenti tagħna . Fil-ġranet li ġejjin ser tkun qed tiltaqa' mad-direttur ta' dan id-dipartiment biex jiġu diskussi affarijiet varji mat-team amministrattiv tiegħu biex finalment terġa' tinbena r-relazzjoni tajba li kellu l-kunsill mal-istess direttorat fis-snin preċedenti.

10.5 d Ħin Allokat għas -Sinjur Christopher Bruno – Kunsillier

1 Mobile blood unit on the 12th fl-akkwata tal-uffiċini tal-kunsill. Ser ikun hemm ukoll servizzi oħra li ser jingħataw on the day mill-istess unit li ser ikun hawn onsite.

**10.6** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**10.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**10.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 10.20

**10.7** **Mozzjonijiet**

10.7.1 Mozzjoni Maria Sultana: approvata unanimament biex jinxtraw oġġetti relatati mal-attivita' li ser tkun qed tittella' minn Maria Sultana għal żmien il-halloween biex jingħataw lit-tfal li ser jattendu l-istess attivita'.

10.7.2 Mozzjoni Speranza Chircop: approvata unanimament biex jinxtraw oġġetti relatati mal-okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara biex jingħataw lill-anzjani.

**10.8** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

10.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-17 ta Novembru 2021 fl-4:00 ta' wara nofsinhar

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv